

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/2197**tat-13 ta' Diċembru 2021****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999.
- (2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, f'Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli fisem l-Unjoni Ewropea dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħa ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Il-kisba tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem minn kulħadd hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma valuri fundamentali tal-Unjoni u tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tagħha.
- (3) Fit-2 ta' Marzu 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/372 ⁽²⁾, li ddeżinjat erba' individwi Russi involuti fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti u detenzzjonijiet arbitrari, kif ukoll repressjoni mifruxa u sistematika tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u tal-libertà ta' opinjoni u espressjoni.
- (4) Fit-22 ta' Marzu 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/481 ⁽³⁾, li indikat 11-il individwu u erba' entitajiet involuti fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK), fil-Libja, fl-Eritrea, fis-Sudan t'Isfel u fir-Russja, inkluż tortura, qtil extraġudizzjarju, għajbien sfurzat jew l-użu sistematiku ta' xogħol furzat.
- (5) L-Unjoni tibqa' mħassba ħafna dwar ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'diversi partijiet tad-dinja, bħat-tortura u trattament jew pieni krudili, inumana jew degradanti oħra, eżekuzzjonijiet u qtil extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrari, imwettqa fl-Ukrajna, fis-Sirja, fil-Libja, fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), fis-Sudan u fil-Mozambique mill-Grupp Wagner, entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja.
- (6) B'kont meħud tad-dimensjoni internazzjonali u l-gravità tal-attivitajiet tal-Grupp Wagner, kif ukoll l-impatt destabilizzanti tagħha f'dawk il-pajjiżi, l-Unjoni tqis li l-azzjonijiet tal-Grupp Wagner jimminaw l-oġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 TUE, b'mod partikolari l-oġettiv li jiġu kkonsolidati u appoġġati d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 21(2) TUE.
- (7) F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tlett persuni u entità waħda jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999.

⁽¹⁾ ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/372 tat-2 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 71 I, 2.3.2021, p. 6).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/481 tat-22 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 99 I, 22.3.2021, p. 25).

(8) L-Anness għad-Deċizzjoni (PESK) 2020/1999 għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċizzjoni (PESK) 2020/1999 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċizzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċizzjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

1. L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi li tinsab fit-taqsim A ("Persuni fiżiċi") fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
16.	Dimitriy (Dimitry, Dmitri, Dmitry) Valerievich UTKIN	Дмитрий Валерьевич Уткин (Ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Fundatur u kmandant tal-Grupp Wagner Grad: Logutenent Kurunell (riżerva) Sinjal tas-sejħa: Vagner, Wagner ID tal-Grupp Wagner: M-0209 Data tat-twelid: 1.6.1970 jew 11.6.1970 Post tat-twelid: Asbest, Sverdlovsk Oblast, SFSR Russa (issa l-Federazzjoni Russa) Nazjonalità: Russa Indirizz: Pskov, il-Federazzjoni Russa Ġeneru: raġel	Dimitriy Utkin, eks-uffiċjal tal-intelligence militari Russa (GRU), huwa l-fundatur tal-Grupp Wagner u huwa responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ippjanar tal- operazzjonijiet għall-iskjerament tal-merċenarji tal-Grupp Wagner f'diversi pajjiżi. Fil-pożizzjoni tiegħu ta' kmand fi ħdan il-Grupp Wagner, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-grupp, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarij. Dan jinkludi t-tortura sal-mewt ta' diżertur Sirjan minn erba' membri tal-Grupp Wagner f'Ġunju 2017 fil-provinċja ta' Homs, is-Sirja. Skont eks-membri tal-Grupp Wagner, Dimitriy Utkin personalment ordna t-tortura sal-mewt tad- diżertur kif ukoll l-iffilmjar tal-att.	13.12.2021
17.	Stanislav Evgenievitch DYCHKO	Станислав Евгеньевич Дл-mudell чо (Ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Merċenarju tal- Grupp Wagner Data tat-twelid: 1990 Nazjonalità: Russa Ġeneru: raġel	Stanislav Dychko, eks-impjegat tal-pulizija ta' Stavropol, huwa merċenarju tal-Grupp Wagner. Flimkien ma' tlett merċenarji oħra tal-Grupp Wagner, huwa ħa sehem fit-tortura sal-mewt ta' diżertur Sirjan f'Ġunju 2017 fil- provinċja ta' Homs, is-Sirja. Għalhekk huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal- bniedem fis-Sirja.	13.12.2021
18.	Valery (Valeriy) Nikolaevich ZAKHAROV	Валерий Николаевич Захаров (Ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Konsulent tas- sigurtà għall-President tar- Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) ID tal-Grupp Wagner: M-5658	Valery Zakharov, eks-membri tas-servizzi tas-sigurtà tal-istat Russu (FSB), huwa l-konsulent tas-sigurtà tal-President tar- Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA). Huwa figura ewlenija fl-istruttura ta' kmand tal-Grupp Wagner u għandu rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet Russi.	13.12.2021"

			<p>Data tat-twelid: 12.1.1970</p> <p>Post tat-twelid: Leningrad, SFSR Russa (issa l-Federazzjoni Russa)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Ġeneru: raġel</p>	<p>Minħabba l-pożizzjoni influwenti tiegħu fir-RĊA u r-rwol ta' tmexxija tiegħu fil-grupp Wagner, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Grupp Wagner fir-RĊA, li jinkludu eżekuzzjonijiet u qtil extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji.</p> <p>Dan jinkludi l-qtil ta' tliet ġurnalisti Russi fl-2018, li s-sigurtà tagħhom kienet taħt ir-responsabbiltà ta' Valery Zakharov.</p>	
--	--	--	---	---	--

2. L-entrata li ġejja tiżdied mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fit-taqsim B ("Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi") fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"5.	Grupp Wagner magħruf ukoll bħala Grupp Wagner	Группа Вагнера (Ortografija Russa)		<p>Il-Grupp Wagner huwa entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja, li ġiet stabbilita fl-2014 bħala organizzazzjoni suċċessur tal-Korp Slavoniku. Huwa mmexxi minn Dimitriy Utkin u ffinanzjat minn Yevgeny Prigozhin. Permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet lokali, u bl-appoġġ tal-gvernijiet lokali, il-Grupp Wagner jiffinanzja u jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu.</p> <p>Il-Grupp Wagner huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, is-Sirja, il-Libja, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA), is-Sudan u l-Mozambique, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji.</p>	13.12.2021".